TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/51/16/S

Sarah u Nicholas Vella
Vs
Vince Agius ezercenti l-kummerc bhala Agius Photo Studio

Illum 29 ta'Settembru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Sarah u Nicholas Vella pprezentata fis-7 ta'Marzu,2016 u r-risposta ta' Vince Agius ezercenti l-kummerc bhala Agius Photo Studio pprezentata fit-22 ta'Marzu,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti biss ghax l-intimat ma ressaqx provi ghajr ir-risposta kif ukoll it-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-21 ta'Lulju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda servizzi ordnati ghat-tieg tar-rikorrenti li sehh f'Lulju,2011, liema servizzi huma elenkati fid-dokumenti Dok SV1 u Dok SV2 u li ghadhom ma twettqux mill-intimat;

Illi jinghad mal-ewwel li mhuwiex accettabbli li konsumatur jistenna hames (5) snin ghar-ritratti tat-tieg etc;

Illi l-intimat ma ressaq ebda prova biex jiggustifika dan id-dewmien ghajr dak li qal fir-risposta tieghu;

Illi t-Tribunal jaghmel tieghu l-argumentazzjoni tar-rikorrenti filwaqt li dak li inghad fir-risposta tal-intimat, ma xejjen xejn mill-verzjoni tar-rikorrenti;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, jidher li r-rikorrenti ma gewx trattati kif wiehed jistenna u ghadhom sal-llum ma inghatawx is-servizzi ordnati;

Ghaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti Sarah u Nicholas Vella Farrugia filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Vince Agius ezercenti l-kummerc bhala Agius Photo Studio u Jordna li fi zmien ghaxart ijiem mill-llum, l-intimat jghaddi lir-rikorrenti l-'album' tat-tieg, is-'CDs' u r-ritratti 'high resolution' kif imnizzel fid-dokumenti Dok SV1 u SV2, bl-intimat ihallas l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru